MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 436/2002/1

**A B**
**vs**
**C sive D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Settembru 1973, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel wiehed li jismu Chalres; li l-hajja konjugali "tkissret irrimedjabbilment u l-konvenut irrenda ruhu hati versu l-attrici ta' theddid sevizzi, eccessi, tghajjir, vjolenza psikologika u fizika, swat, kif ukoll adulterju, tant li l-attrici tinsab taht kura medika."; ukoll li l-konvenut dahhal lill-komunjoni tal-akkwisti f' dejn kbir in konnessjoni man-negozju li huwa jiggestixxi, izda li jidher li falla minhabba mismanagement da parti tieghu; li l-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali u mar jghix ghar-rasu; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprezenta l-

istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet esklussivament attribwibbli lill-konvenut u senjatament theddid, sevizzi, eccessi, tghajjir, vjolenza psikologika u fizika, swat, kif ukoll adulterju fil-konfront ta' l-attrici, u in subordine, ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skont il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut, skont dawk il-modalitajiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa;

4. Tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

5. Tillikwida, tiddividi, u tassenja l-assi ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti lill-kontendenti f' dawk il-proporzjon u b' dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi ;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi kull att ta' divizjoni tal-immobbli, opportun f' jum u hin li ukoll jigu stabbiliti minn din il-Qorti;

7. Tinnomina kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att pubbliku ta' divizjoni;

8. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn dawk id-drittijiet tieghu, kif jigi stabbilit minn din il-Qorti, skont ir-rizultanzi, u dan ghat-tenur tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;

9. Tordna illi l-attrici tkompli tghix u tabita fid-dar matrimonjali 'A', Mons. A. Buhagiar Street, Rabat, flimkien ma' binha, ad eskluzjoni ta' zewgha l-intimat;

10. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez. Komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa: li t-tort ghas-separazzjoni personali huwa attribwibbli lill-attrici; li l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand il-konvenut, u anke hi kapaci tipprovdi ghall-manteniment taghha stess, u ghalhekk m' ghandux jigi ordnat imantni lill-attrici; li fil-qsim tal-komunjoni ghandu japplika fil-konfront ta' l-attrici d-dispost kontenut fl-artikolu 48 tal-Kap.16, filwaqt li l-konvenut qatt ma ta lok ghall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu fil-konfront tieghu; li ma hemmx lok sabiex jigi dikjarat l-izgumbrament tieghu mid-dar konjugali;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, id-dokumenti prezentati, u l-affidavits;

Rat li l-kawza kienet giet differita diversi drabi, kemm quddiem il-perit legali, kif ukoll quddiem din il-Qorti, fuq talba tal-istess partijiet sabiex dawn jinghataw spazju b' tentattiv li jasslu ghal ftehim in vista tad-dejn sostanzjali gravanti l-komunjoni tal-akkwisti, u l-pressjoni da parti tal-Banek kredituri fir-rigward;

Rat li fl-udjenza tal-24 ta' Novembru 2011, din il-Qorti ddikjarat il-provi maghluqa u awtorizzat lill-partijiet jipprezentaw noti ta' l-osservazzjonijiet; u fit-3 ta' Mejju

2012 iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tal-llum;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Settembru 1973, u minn dan iz-zwieg ghandhom it-tifel Charles li llum huwa maggjorenni. Fil-bidu jidher li l-hajja konjugali bejn il-partijiet ma kinitx hazina, ghalkemm ma kienux jonqsu il-litigji bejniethom; u anke finanzjarjament kienu komdi, kif jixhdu d-diversi assi li gew akkumulati waqt il-konvivenza matrimonjali. F'dan iz-zmien l-attrici kellha hanut tal-grocer filwaqt li l-konvenut kien jahdem ta' kuntrattur fil-kostruzzjoni u bejgh tal-proprjeta'.

Illi fis-sena 1993, meta l-konvenut u zewg persuni ohra ffurmaw kumpanija, huwa beda jghati aktar attenzjoni lin-negozju ta' din il-kumpanija, milli lix-xoghol tieghu bhala kuntrattur, anke minhabba l-kondizzjoni medika tieghu, u wkoll ghax dan in-negozju kien sejjer tajjeb; izda wara is-sena 1996 il-pozizzjoni finanzjarja tal-kumpanija hadet skoss lura, meta gie skopert li wiehed mit-tlett azzjonisti, dak li kien jiehu hsieb il-gestjoni tal-kumpanija kien qed jamministra hazin bir-rizultat li l-kumpanija bdiet issofri telf finanzjarju. Konsegwsentement il-konvenut u l-azzjonista l-iehor li huwa fil-professjoni medika, xtraw l-ishma l-ohra kollha , u itghabbew b' piz finanzjarju sostanzjali li dahhlu ghalih b' garanzija tal-proprjeta' personali taghhom. Fl-affidavit tieghu l-konvenut jghid li s-somma li hallas hu u l-azzjonista l-iehor kienet ta' LM163,000 [illum €379,688].

Illi dan kien zmien difficli u ta' tensjoni kbira, kemm ghall-konvenut kif ukoll ghal martu, b' detriment kbir ghar-relazzjoni matrimonjali ta' bejniethom; ukoll ir-relazzjoni ta' iben il-partijiet, li prattikament trabba man-nanniet materni, mal-konvenut hzienet meta t-tifel, fl-argumenti bejn il-

genituri tieghu, beda jiehu pozizzjoni favur ommu, u kontra missieru.

Illi l-animozita' tat-tifel fil-konfront ta' missieru, il-konvenut, manifestata anke fil-kitba li hu kien ghamel mal-hajt fl-appartament ta' San Pawl-il Bahar fejn eventwalment kien mar joqghod il-konvenut, kif ukoll l-attitudini tal-attrici fil-konfront ta' zewgha, wasslu lil dan sabiex fil-15 ta' Lulju 2001, jitlaq mid-dar konjugali, u jmur jghix wahdu fl-imsemmi appartament. Jidher li anke hawn l-attrici, bl-ghajnuna tal-familjari taghha, kienet issegwi lill-konvenut.

*Verzjoni Attrici*

L-attrici tghid li zewgha huwa bniedem dominanti, aggressiv u nkrepattiv: "irid kollox kif jghid hu, inkellha jibda jidghi, isabbat u jghajjat biex jaghlaqli halqi."[1] Tghid li, sa minn qabel iz-zwieg, kien jidher li hu bniedem supperv u li jaghmel ta' rasu, kien jabbuza mix-xorb alkoholiku; u ghalkemm, kien jahdem fix-xoghol ta' kostruzzjoni, kemm ma' missieru kif ukoll ma' missierha, huwa kien dejjem nieqes mill-flus.

Wara z-zwieg is-sitwazzjoni aggravat. Kien inkrepattiv mat-tifel fis-sens li kien imaqdru u ixejjen kull haga li jaghmel, filwaqt li kien ifahhar lil niesu u lit-tfal taghhom. Kien jaghti hafna mportanza ta' dak li tghidlu ohtu Pauline "aktar milli jghati lili, u kull ma jsir f' darna kien imur jghidilha, avolja kont nghidlu biex l-affarijiet tal-familja m' ghandniex noqghodu navzaw bihom lil kulhadd."[2]

Tghid li lilha qatt ma kien jikkumplimentaha ta' dak li taghmel u kif tilbes, izda ghall-icken zball li kienet taghmel kien jaghjjarna u jghajjat. Huwa kien jissoggetta lill-attrici ghal vjolenza morali u anke fizika, u tirrakkonta ncidenti meta giet imsawwta minnu fizikament, u meta kien iwaddab fid-direzzjoni taghha oggetti bhal appliances tal-kcina, mobbli u anke oggetti tal-ghodda. Tant kien "jifferocja" waqt l-argumenti li "gieghli ktibtlu ittra u tfajtha fil-letterbox tad-dar taghna stess biex isibha u jaqraha fil-

[1] Vol.1- Aff. Fol.52
[2] Ibid.

kwiet biex nipprova nevita argumenti u glied."[3]; u dan b' tentattiv li jirrangaw is-sitwazzjoni ta' bejniethom.

Tghid li l-konvenut ma kienx jimpurtah la minnha u lanqas minn ibnu; u kien jkellimha hazin u bi kliem baxx, inkluz dagha, u anke jaghmel gesti psataz. Huwa kien jara l-pornografija, u l-egoizmu tieghu, u n-nuqqas ta' affezzjoni fil-konfront ta' martu, kienu jimmanifestaw ruhhom anke fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom.

Tghid li, ghalkemm hija kellha ntrojtu regolari mill-hanut tal-grocer li kienet tiggestixxi, huwa kien jiehu dawn il-flus; "ir-ragel qatt ma hallieli flus fuq ismi; dejjem ried li niddipendi minnu ghal kull haga, biex hu jkollu kontroll fuqi";[4] bir-rizultat, li lilha kien ihalliha "dejjem nieqsa mill-flus."[5]

Takkuza lill-konvenut li kien taha certu kunfidenza lil habiba, mizzewga, tat-tfulitu, meta din kienet giet Malta.

Huwa ghandu karattru gellied, u tirrakkonta kif kien igib ruhu hazin fil-festa tal-Milied meta kienu jkunu ghand niesha. Tilmenta mill-fatt li meta huwa dahal fi shab fil-kumpanija li tiggestixxi klinika medika privata, dan sar ad insaputa taghha; u huwa kien beda jittraskura x-xoghol tieghu tal-bini, filwaqt li kien iqatta' hafna mill-hin tieghu fil-klinika li ma kinitx tirrendilhom flus. Rizultat ta' dan, il-konvenut ghabba lill-komunjoni tal-akkwisti b' dejn ingenti.

Tghid li ma' niesha hi kienet tmur tajjeb hafna; huma trabbew go familja fejn kienu jingiebu b' tal mod li kulhadd jitkellem bil-hlewwa; "allura ghalkemm qatt ma ghidt lil hadd kontra zewgi, izda kont insib li jkun wens li mmur hemm."[6]

---

[3] Ibid.
[4] Ibid.
[5] Ibid.
[6] Ibid,

*Verzjoni Konvenut*[7]

Il-konvenut jghid li, sa minn qabel iz-zwieg, huwa kien imur jghin lill-attrici, fil-hanut tal-grocer, wara li kien jispicca mix-xoghol tieghu fil-kostruzzjoni; il-gurnata tas-Sibt kien iqattaghha kollha hemmhekk sabiex jghati daqqa t’ id.

Madankollu, l-attrici, allura gharusa, kienet tkun bil-geddum. Wara z-zwieg is-sitwazzjoni aggravat u l-attrici “kienet facilment iddendel il-geddum ghal kull haga ta’ xejn. Hija mara dominanti u thobb tordna u tikkmanda; filwaqt li lilu kienet tghajjru anke b’ affarijiet personali, bhal l-aspett fiziku ta’ wiccu. Fit-tghajjir kienet issemmi lil ommu li kienet mejta u tghidlu li din qeda l-infern ghax ma messitx hallietu jizzewweg. Kienet tghajjru, bil-kitba, li hu “mdejjaq, midjun u ndannat.”; u li skond il-konvenut, martu ma kienet tara xejn tajjeb fih.

Hija kellha rabja kbira ghal hutu; u “hafna mill-kwistjonijiet li kien ikollna d-dar kienu jkunu ghax kienet tahseb hazin f’ huti. Kull meta kienu jcempluli ghal xi haga kienet mall-ewwel taghmel in-nervi u nispiccaw nillitikaw. Il-mara kellha rabja kbira kemm ghal huti u anke ghal genituri tieghi.” Mill-banda l-ohra hija kienet tigbed hafna lejn niesha, u “meta kien ikollna xi nghidu marti kienet taqbad u titlaq ghand ohtha minnflok ma tibqa’ d-dar biex insolvu l-kwistjoni.” Dan kienet taghmlu, avolja mieghi ma kien jonqosha xejn. Jghid: “Il-mara dejjem kienet paxxuta mieghi, u dak li kienet tkun trid taghmel ghad-dar dejjem ghamilnih.” Minn naha taghha qatt ma kienet turih li tiehu pjacir bir-rigali li kien jaghtiha.

Rigward ibnu Charles, il-konvenut jghid li hu kien igib ruhu ta’ missier tajjeb mat-tifel, u kien jiehdu fejn kellu bzonn imur, u qatt ma cahdu minn xejn; izda meta t-tifel beda jikber dan rabba l-arja, u beda jgholli lehnu, kemm mieghu kif ukoll ma’ ommu. Jghid li l-omm kienet izzomm mat-tifel meta hu kien jikkorreggih; u hi kienet timlih kontra missieru. Eventwalment ir-relazzjoni bejniethom tant hzienet li darba minnhom meta t-tifel hebb ghall-konvenut

---

[7] Aff. Redatt 2 Ottubru 2003

tant li kkagugnalu griehi hfief, dana, biex jevita aktar inkwiet telaq mid-dar konjugali. Il-konvenut jghid li din kienet ir-raguni principali ghaliex telaq mid-dar konjugali u mar jghix fl-appartament ta’ San Pawl il-Bahar. Huwa jispjega li meta jkun hemm argument kemm ma’ ibnu, kif ukoll ma’ l-attrici, huwa kien iwarrab sabiex l-argument ma jikbirx.

Il-konvenut jghid li sa mill-bidunett taz-zwieg martu “qatt ma kienet thoss dik il-gidba ta’ mhabba lejja.”; u jilmenta mill-fatt li martu kienet sesswalment bierda fil-konfront tieghu. Kien ghalhekk li eventwalment hu kien mar jorqod wahdu fil-kamra ta’ fuq; izda darba minnhom l-attrici pprovat tisgassa l-bieb ta’ din il-kamra, u ghal din ir-raguni wkoll, il-konvenut telaq mid-dar konjugali. Huwa jichad li kien jara l-pornografija u li kien jabbuza mill-attrici fir-rigward; u jghid li huwa dejjem baqa’ lejali lejn martu u qatt ma tradiha. Jichad li kien ghamel xi haga wara dar martu dwar il-habiba tieghu li kienet tigi zzurhom.

Il-konvenut jichad li hu kien vjolenti fil-konfront ta’ martu jew ta’ ibnu, u jisostni li meta kien jinqala’ l-inwkiet huwa kien iwarrab. Minn naha taghha l-attrici kienet ta’ spiss taghmel xenati u tara kif ser taqbad argument ghal xejn b’ xejn. Inoltre, kellha idejha hafifa, u kien hemm okkazzjoni meta’ taghtu daqqa ta’ harta. Jichad li fir-rabja kien ikisser l-affarijiet, u jekk dan sar, kien sar bi zball.

Dwar is-sitwazzjoni finanzjarja, jghid li “Finanzjarjament ahna dejjem konna qeghdin sew. Kull ma kien ikollna bzonn konna nixtruh. Jien, flimkien ma’ marti, dejjem xtrajna dak li kien hemm bzonn ghad-dar…..jien qatt ma kont xhih fuq flus u dan specjalment fuq ikel …. Il-flus tal-bank kienu fuq it-tnejn. Uhud mill-artijiet li kelli u li kienu proprjeta’ parafernali tieghi beghthom waqt iz-zwieg, u flushom dejjem iddepozitajthom f’ isem it-tnejn.” Jispjega kemm kien jahdem sieghat twal meta kien iffokat fuq in-negozju tal-kostruzzjoni tal-bini, bir-rizutlat li, b’ zieda mal-kwistjonijiet li kien ikollu ma’ l-attrici, huwa kien gie certifikat fis-26 ta’ Frar 1977, li kien isofri minn severe ventricular tachiardia. Ghalhekk kien naqqas ix-xoghol

manwali, u kien beda jissorvelja n-nies li kienu jahdmulu biex ikompli bin-negozju tieghu.

Fis-sena 1993 huwa dahal bi shab ma' tnejn ohra f' kumpanija li kienet tiggestixxi klinika u servizzi medici u dawk relatati mal-persuna. Peress li sas-sena 1996 il-kumpanija kienet sejra tajjeb, huma kienu dahlu maghhom grupp ta' 22 tabib biex ikollhom suq garantit; izda fis-sena 1998 irrizulta li t-tielet azzjonista kien qed imexxi hazin il-finanzi tal-kumpanija, b' telf finanzjarju qawwi, bir-rizultat li, sabiex isalvaw il-kumpanija, huma xtraw l-azzjonijiet kollha ghas-somma ngenti fuq indikata li ghamlu tajjeb ghaliha bi hwejjeg personali taghhom. Konsegwentement il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, tghabbiet b' dejn sostanzjali li pprecipita s-sitwazzjoni hazina fir-relazzjoni matrimonjali tal-partijiet.

Il-konvenut jghid li l-attrici kienet taf b' kollox dwar il-kumpanija sa mill-bidu nett.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti tosserva li z-zewg partijiet jaghtu verzjoni tal-fatti konfliggenti, b' mod li jattribwixxu wiehed lil iehor, it-tort tal-inkwiet u l-eventwali separazzjoni bejniethom. Il-verzjoni attrici hi korroborata mit-tifel tal-partijiet, u anke minn familjari taghha, filwaqt li l-verzjoni tal-konvenut issib korroborazzjoni minn familjari tieghu, kif ukoll minn nies li kienu jiffrekwentaw sew lill-partjiet, huma hbieb tat-tnejn, u mhumiex parentati maghhom.

Il-Qorti, wara debita ezami tal-provi akkwiziti u konsiderazzjoni, hi tal-fehema li dak allegat mill-attrici u mit-tifel tal-partijiet, u addebtitat lill-konvenut jinsab imdghajjef serjament mix-xhieda estranei li xehedu f' din il-kawza. Fir-rigward, huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet;

[1] illi mix-xhieda ta' Emanuela Grima, gar tal-partijiet, jirrizulta li l-konvenut kien jghin lil martu fil-hanut tal-grocer

li din kienet tiggestixxi; u l-istess xhud tghid li sa fejn rat hi, ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet kienu tajbin;[8]

[2] illi qabel ma giet iffurmata l-kumpanija, il-konvenut kien jahdem ghar-rasu fix-xoghol ta' kostruzzjoni u l-pozizzjoni finanzjarja kienet "tajba u stabbli". Dan inghad minn Anthony Imbroll, komputista, li kien jiehu hsieb l-affarijiet finanzjarji tal-familja, u kien habib taz-zewg partijiet. Dan ix-xhud jikkonferma wkoll li "sa kemm inqalghet il-problema [finanzjarja] dejjem rajt il-partijiet kienu jghixu bi kwiethom flimkien."[9]

[3] illi t-tabib kuranti tal-familja, Dr.Joseph Ferriggi, xehed li l-attrici qatt ma kienet irrikorriet ghandu "issofri minn xi physical violence". Di piu' jghid, li ghalkemm kien jiffrekwenta hafna lill-partijiet, qatt ma dahallu f' rasu li kien hemm "xi friction" bejniethom.[10] Fuq l-istess vena hija x-xhieda ta' Alfred Azzopardi, mastrudaxxa li hadem ghand il-partijiet, li fix-xhieda tieghu jghid li hu qatt ma ra xejn hazin dwar l-imgieba taghhom.

[4] illi l-attrici stess iddghajjef it-tezi taghha li l-kumpanija li tmexxi l-klinika giet ifformata ad insabuta taghha, meta fix-xhieda taghha tghid: "Meta jiena ghalaqt il-hanut, <u>ftahna</u> l-clinic. Id-dhul tieghi waqaf, u zewgi kien qed iqatta' hafna hin il-clinic."[11] Din ix-xhieda taghti konfort lill-verzjoni ta' tal-konvenut meta jghid li martu kienet taf kollox dwar in-negozju tal-klinika mill-bidunett, u li d-diskussjonijiet kienu jsiru d-dar tal-partijiet, u li l-attrici kienet tkun prezenti.

[5] illi, ghalkemm l-attrici tghid li l-flus tal-hanut kien jehodhom il-konvenut u li lilha kien ihalliha nieqsa mill-flus, il-provi juru l-kuntrarju; kemm ghax hi stess tghid li hafna mill-affarijiet li l-partijiet kellhom fid-dar kienet xtrathom minn dawn il-flus[12], kif ukoll ghax hi stess tghid li l-partijiet kellhom zewg kontijiet bankarji konguntI.[13]

---

[8] Fol.340
[9] Fols. 348-349
[10] Fols. 353, 355
[11] Fol.358
[12] Fol.359
[13] Ibid.

[6] illi, Grezzju Camilleri, li ghal zmien twil kien jahdem mal-konvenut fil-kostruzzjoni, jghid li l-konvenut kien jahdem mieghu fix-xoghol manwali, izda sussegwentement beda jissorvelja x-xoghol li kienu jaghmlu l-impjegati tieghu. Eventwalment ix-xoghol kien naqas. Dan ix-xhud jikkonferma li huma gielghli hadmu xoghol ghal hut l-attrici.

Illi l-Qorti hi tal-fehema li, sakemm il-pozizzjoni finanzjarja kienet wahda stabbli, jidher li ma kienx hemm problemi serji fiz-zwieg; izda meta l-attrici ghalqet il-hanut, u l-konvenut dahal fi shab f' kumpanija, u meta eventwalment din il-kumpanija bdiet tirregistra telf bir-rizultat li hu, flimkien ma' azzjonist iehor, kellu jidhol f' dejn ingenti garantit ukoll bi proprjeta' formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, ir-relazzjoni matrimonjali ddegenerat peress li kemm l-attrici, kif ukoll imbaghad, it-tifel taghhom Charles B haduha qatta bla habel kontra l-konvenut li, skond huma, kien il-kawza tar-rovina finanzjarja tal-proprjeta' taghhom. Din kienet ir-raguni vera wara l-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet, li wasslet ghas-separazzjoni personali; u mhux l-atti ta' vjolenza fizika allegatament subita mill-attrici da parti tal-konvenut.

Dan huwa evidenzjat anke minn dak li kiteb it-tifel tal-partijiet fuq wiehed mill-hitan tal-appartament ta' San Pawl il-Bahar li fih mar joqghod il-konvenut biex is-sitwazzjoni ma tkomplix taggrava. F' din il-kitba dan esprima d-dwejjaq tieghu billi kiteb: "Rawk tixrob il-kazin ghal familja rajt l-ikel zejjed. Tlaqt mid-dar ghal hbieb u l-politika nsejt il-familja. Ghalik kemm taf tixtri ghalina ma' kellekx…". Imkien ma accenna ghall-allegati atti kontinwi ta' vjolenza.

Mistoqsi ghaliex m'ghamilx referenza ghall-vjolenza li hu semma fl-affidavit tieghu, l-imsemmi Charles B iwiegeb li "..l-akbar vjolenza deherli li kienet dik morali. Hadli l-flus kollha, telaq u halliena bla lira, u kull darba li kelli bzonn l-ghajnuna kien igibni bicca ta' l-art sakemm jghini."[14]

[14] Fol.363

Apparti minn hekk ma rrizultawx certifikati medici jew xhieda medika ta' griehi fuq il-persuna tal-attrici jew tat-tifel.

Il-Qorti tosserva li, f' dan il-kaz, l-inkwiet finanzjarju li sabu ruhhom fih il-partijiet, u li t-tort tieghu gie attribwit mill-attrici u mit-tifel taghha lill-konvenut, hareg il-hazin fil-karattru taghhom, bir-rizultat li l-komportament taghhom lejn xulxin beda jkun abbuziv, fis-sens ta' tghajjir u ghajjat, u mgieba ohra hazina, li, ezercitata fuq medda ta' zmien b' mod abitwali u ripetut, tikkostitwixxi sevizzi fit-termini tal-artikolu 40 tal-Kap.16.

Inoltre, jigi osservat li l-fatt li fl-att tac-citazzjoni l-attrici addebitat l-adulterju fil-konfront tal-konvenut, meta dina ma gabet ebda prova fir-rigward hija fiha nnifisha ngurjuza fit-termini ta' l-artikolu precitat. In propozitu jigi osservat li l-evidenza prezentata mill-attrici sabiex tipprova li fil-mori tal-kawza, u cioe' fis-sena 2004, il-konvenut ikkommetta adulterju, hija skarsa u ma twassalx ghall-prova sodisfacenti ta' adulterju; mill-banda l-ohra pero' il-fatt li jidher li l-konvenut kellu hbiberija ma' wahda mara, jikkostitwixxi ngurja fil-konfront ta' martu.

Illi rigward l-akkuza ta' l-abbandun, mill-provi jirrizulta car li jonqos ir-rekwizit taz-zmien, u ghalhekk l-abbandun ma jikkonfigurax.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li rrizulta sodisfacentement provat li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, tort taz-zewg partijiet fit-termini ta' l-artikolu fuq citat.

**Manteniment**

*Pretensjonijiet tal-partjiet*

Illi dan l-aspett tal-kawza gie kontestat b' mod qawwi mill-partijiet; u, filwaqt li l-attrici ssostni li l-konvenut kien u ghadu jaghmel xoghol li minnu jdahhal introjtu, il-konvenut, minn naha tieghu, isostni li hlief ghall-assistenza socjali, f' forma ta' pensjoni ta' invalidita', huwa m' ghandu ebda ntrojtu iehor.

Il-konvenut jghid li huwa minnu li hu jaghmel xoghol volontarju ghall-kazin politiku partikolari, kif ukoll ghall-kumpanija 19th March Company Limited li tiggestixxi l-loghob tan-nar, izda ma jippercepixxi ebda ntrojtu. Di piu' ix-xoghol li huwa jaghmel ghall-kumpanija ACE Investments Limited, huwa limitat ghall-gar tal-kampjuni tad-demm, u m' ghandux qligh minn dan ix-xoghol. Huwa jispjega li jithallas minghand it-tobba, u minn dan l-introjtu jaghmel l-ispejjez necessarji ta' diesel u manutenzjoni tal-karrozza, u okkazzjonalment dawn jissuperaw il-qligh, b' mod li jiddikjara li ghandu jiehu minghand il-klinika s-somma ta' €1,500. In fine jghid ukoll li t-tabib Joseph Ferriggi kien qabbdu jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni fil-proprjeta' tieghu fis-sena 2001, u li ghal dan ix-xoghol huwa kien thallas is-somma ta' €6,300 fuq perijodu ta' disa' snin, bl-ahhar pagament ghas-saldu li sar f' Settembru 2012. Il-konvenut spjega li l-ammonti li l-imsemmi tabib kien jghaddilu huwa kien jimpjegahom biex ihallas lill-Bank sabiex inaqqas mid-dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, b' hekk il-bank f' dak iz-zmien ma prosegwiex il-proceduri tas-subbasta.

L-attrici minn naha taghha tishaq fuq il-fatt li huwa ferm inverosimili li l-konvenut jaghmel dak ix-xoghol kollu ammess minnu, kemm fuq bazi volontarja, kif ukoll b' nuqqas ta' qligh, anzi b' telf, u ma jdahhal ebda profitt. Hija taghmel referenza ghad-dokumenti tat-taxxa prodotti minnha b' referenza ghas-sena bazi 2007[15] u snin precedenti, kif ukoll ghad-dokument[16] annessa man-nota taghha li, skond hi, juru l-introjtu tal-konvenut mix-xoghol ta' courier li jaghmel. Inoltre, jirrizulta li l-konvenut jaghmel zmien twil jahdem volontarjament fil-kazin, u fil-fond fejn jisir il-loghob tan-nar gestit mill-imsemmija kumpanija, u ghalhekk huwa ghandu l-potenzjal li jahdem u jiggenera ntrojtu, b' mod li allura ghandu jhallas manteniment lill-attrici bhala martu.

*Fatti*

---

[15] Fol.615
[16] Fol.807 et seq.

Illi permezz ta’ digriet[17] moghti mill-Onorabbli Qorti tas-Sekond Awla Civili fil-15 ta’ Novembru 2001, il-konvenut kien gie ordnat ihallas lill-attrici bhala mateniment ghaliha s-somma mensili ta’ LM100 [illum €233].

Illi fl-20 ta’ Gunju 2005 il-konvenut gie boarded out stante li kien instab “permanentement inkapaci ghal xoghol xieraq.”[18] u konsegwentement kien waqaf mix-xoghol u beda jiehu pensjoni ta’ invalidita’.

Illi b’ digriet[19] moghti fl-1 ta’ Novembru 2006 din il-Qorti ssospendiet l-obbligu tal-konvenut li jhallas l-imsemmija retta alimentarja, stante li kien jidher li z-zewg partijiet kienu qed jghixu fuq il-beneficju socjali.

Illi fis-16 ta’ Awwissu 2007[20] il-Qorti rreintegra lill-konvenut fl-obbligu li jerga’ jibda jhallas l-imsemmija retta alimentarja mensili, stante li hu kellu l-potenzjali li jahdem, u di piu’ kellu jiehu somma sostanzjali minghand l-imsemmi tabib.

Illi b’ digriet moghti fit-2 ta’ Novembru 2010, din il-Qorti regghet issospendiet l-obbligu tal-hlas tal-manteniment, stante li minn nota guramentata prezentata mill-partijiet kien jidher li l-introjtu tal-attrici kien jissupera dak tal-konvenut. Di fatti, filwaqt li fin-nota tieghu l-konvenut iddikjara li jdahhal €4,612.97 fis-sena 2008, l-attrici ddikjarat li fl-istess sena dahlet is-somma ta’ €5,268.12. Dawn il-figuri jirrapprezentaw ammonti percepiti bhala assistenza socjali. Il-Qorti wkoll awtorizzat lill-attrici sabiex tressaq provi ulterjuri fir-rigward.

Illi mix-xhieda tar-rapprezentat tad-dipartiment tas-Sigurta’ Socjali jirrizulta li fis-sena 2011, l-attrici, li llum ghandha circa 64 sena pprecepiet l-ammont annwali ta’ €6,484.96, filwaqt li l-konvenut, li llum ghandu 67 ipprecepixxa €4,933.24.[21]

---

[17] Fol.8
[18] Fol.246
[19] Fol.266
[20] Fol.541
[21] Doks.SS1 u SS2 Fol.695-696

Illi l-ammonti annwali li jippercepixxi l-konvenut mill-ishma fis-socjeta Simonds Farsons Cisk plc [€64.28] u mic-cnus tal-proprjeta' parafernali tieghu [€40] huma ghall-finijiet tal-ezami odjern negligibbli.

*Konsiderazzjonijiet*

Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-ammont tal-pensjoni u assistenza socjali li tippercepixxi l-attrici huwa superjuri ghal dak percepit mill-konvenut. Inoltre, illum il-partijiet huma ta' certu eta' li ma tippermettilhomx li jiggeneraw introjtu b' xoghol stabbli u regolari, kemm fir-rigward ta' l-attrici, kif ukoll, u b' aktar emfazi, fir-rigward tal-konvenut li fis-sena 2005 gie dikjarat inkapaci b' mod permanenti ghal xoghol xieraq. Illi di piu' il-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi fuq it-tnejn.

B' danakollu l-attrici qed tikkontendi li, il-konvenut ghandu ntrojtu klandestin u ghandu jhallasha manteniment. Issostni wkoll li, gjaladarba hu ghandu il-hin u l-kapacita' ghal xoghol volontarju, allura huwa kapaci li jahdem u jiggerna ntrojtu.

Fir-rigward il-Qorti tosserva li, il-fatt li l-konvenut, ragel ta' 67 sena jaghmel xoghol volontarju biex jossodisfa n-namra tieghu tal-loghob tan-nar, u biex jghin fil-kazin politku fejn jiltaqa' mal-hbieb tieghu, ma jirrendihx kapaci li jzomm <u>xoghol regolari</u> b' mod li jkun kapaci jhallas manteniment lill-attrici; izjed u izjed meta, kif fuq premess, huwa kien gie dikjarat inkapaci ghax-xoghol, liema fatt, ma jistax ma jinghatx certu piz minn din il-Qorti fil-materja in dizamina.

Illi rigward ix-xoghol ta' courier li huwa jaghmel ghall-klinika, mill-provi jirrizulta li huwa kien beda jaghmel dan ix-xoghol sabiex l-imsemmija kumpanija, tiffranka paga ta' courier; u ghalhekk mhux verosimili t-tezi attrici li l-konvenut qed idahhal introjtu regolari u xieraq minn din l-attivita'; u hija izjed verosimili t-tezi tal-konvenut li dan ix-xoghol qed isir minnu sabiex jtghaffi d-dejn tal-kumpanija gravanti wkoll l-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet. Hija ghalhekk verosimili wkoll it-tezi li l-ammonti percepiti mill-

konvenut matul is-snin 2001 sa Settembru 2010 minghand it-tabib Ferriggi, marru sabiex inaqqsu mid-dejn u l-imghaxijiet, u sabiex jipperswadu l-bank ma jipprocedix bis-subbasta; u dan ghal-beneficju taz-zewg partijiet.

Illi mill-provi jirrizulta car u manifest , u anke ammess mill-attrici fl-att tac-citazzjoni taghha, li l-kumpanija li dahal fiha l-konvenut bi shab, ghandha dejn ingenti;  ghalkemm l-attrici ngustament tattribwixxi dan id-dejn ghal “mismanagement da parti tal-konvenut zewgha.”.  Inoltre, mill-provi jirrizulta wkoll li, filwaqt li l-konvenut prova matul iz-zmien jinaqqas minn dan id-dejn u l-imghaxijiet fuqu, ma jirrizultax li l-attrici ghamlet xi sforz fir-rigward, hlief li tattribwixxi it-tort lill-konvenut.  Ghalhekk, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, il-konvenut qed jipprecepixxi xi haga zghira mill-attivita’ tieghu ta’ courier, il-Qorti mhijiex propensa li tordnalu jhallas retta alimentarja fissa lill-attrici li, wara kollox, tippercepixxi pensjoni u ghajnuna socjali aktar mill-konvenut.

Dan premess u kkunsdrat il-Qorti hi tal-fehema li rebus sic stantibus din it-talba ma timmeritax li tigi milqugha.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Illi jigi osservat li fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha l-attrici tallega li hi kienet giet “mgieghla tiffirma fl-ghama ghal dak kollu li kien jidhol ghalih il-konvenut”[22] u ghalhekk qed titlob l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 1327[b] u, in subsidium l-artikolu 1329 tal-Kodici Civili fis-sens “illi sehem tal-attrici mill-komunjoni tal-akkwisti jigi dikjara li m’ ghandux jaghmel tajjeb ghad-djun li l-konvenut dahal ghalihom minn wara dahar l-attrici.”[23]

In propozitu l-Qorti tosserva li: fl-ewwel lok din it-talba ma tistax issir fil-kawza odjerna, li hija kawza ta’ separazzjoni limitata bejn il-partijiet, imma kellha ssir f’ azzjoni separata li fiha jkunu parti l-kredituri, f’ dan il-kaz diversi banek lokali, peress li d-decizjoni finali tal-Qorti tolqot direttament lil dawn il-kredituri;  fit-tieni lok, tosserva li l-allegazzjoni

[22] Fol.819
[23] Fol.820

attrici li hi kienet “imgieghla” tiffirma fil-ghama mhijiex sorretta mill-provi. Fir-rigward, il-provi juru li l-attrici, sakemm in-negozju tal-kumpanija kien jirrendi tajjeb, kienet sodisfatta b’ din l-attivita’ kummercjali; tant li l-azzjonisti kienu gieghli ltaqghu fir-residenza tal-partijiet biex jiddiskutu l-affarijiet ta’ dan in-negozju. Dan jirrizulta mix-xhieda tat-tabib Joseph Ferriggi li jghid ukoll li f’ dak iz-zmien kien jidher li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda normali u pacifika. Jidher ukoll li, l-attrici kienet tafda lill-konvenut u tiffirma, anke minghajr ma taqrahom, id-dokumenti li jipprezentatlha; izda t-tezi taghha li kienet imghieghla tiffirma kontra l-volonta’ taghha, apparti milli hi michuda kategorikament mill-konvenut, li minn naha tieghu jsostni li martu kienet konxja ta’ kull ma kien qed isir, din it-tezi ma tirrizultax sodisfacentement provata. Jekk l-attrici dehrilha li ma taqrax dak li kienet tiffirma, din kienet ghazla taghha, izda l-provi ma jsostnux it-tezi li hi ffirmat dokumenti minghajr il-kunsens taghha jew kontra l-volonta’ taghha. Ghalhekk din il-pretensjoni attrici, fic-cirkostanzi ma treggix; u din ma tistax validament tippretendi li din il-Qorti tezenta l-proprjeta’ taghha mill-effetti tal-garanzji ffirmati minnha, b’ semplici allegazzjoni.

**Konsistenza u Assenjazzjoni tal-Komunjoni**

Illi din tikkonsisti fi proprjeta’ immobbli, depoziti bankarji, krediti dovuti mill-konjugi Ferriggi, effetti mobbli, ishma f’ diversi kumpaniji, u dejn ingenti ma’ diversi banek lokali – kif jidhru fid-dokument prezentat mill-konvenut a fols.180 sa 185 tal-process.

Rigward l-immobbli jidher li l-attrici taqbel ma’ l-imsemmija lista, salv ghall-fond garage numru 103 maghruf “Mechanic Garage” Triq Pierre Muscat Rabat, li skond l-attrici huwa tal-komunjoni, filwaqt li mhuwiex indikat mill-konvenut li minn naha tieghu ndika il-qabar fic-cimiterju ta’ Santa Margerita r-Rabat bhala assi tal-komunjoni. Fir-rigward, il-Qorti tosserva li, in mankanza ta’ dokumenti relattivi, dawn l-assi, jekk ghadhom tal-partijiet, ghandhom jitqiesu assi tal-komunjoni kemm-il darba ma jirrizultax minn kuntratti pubblici li huma parafernali ta’ wiehed mill-partijiet.

Illi permezz ta’ verbal moghti fl-udjenza tas-6 ta’ Marzu 2008, il-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom iddikjaraw li “jaqblu li b’ referenza ghad-dokument Y anness mal-imsemmi rikors, jaqblu li l-proprjeta’ immobbli elenkata u dattilografata ghandhom il-valuri taghhom rispettivi kif indikat fl-ewwel kolonna markata mill-Qorti bl-ittra A, izda ghal skopijiet tar-relazzjoni patrimonjali bejniethom il-valuri huma dawk indiakti fit-tieni kolonna bl-ittra B.” Kopja tad-dokument Y qed jigi anness mal-gudizzju odjern sabiex jifforma parti ntegrali mill-istess. [Appendici A].

Il-Qorti tordna li l-proprjeta’ mmobbli, imsemmija fol.181, u l-garage numru 103 u l-qabar fic-cimiterju ta’ Sta. Margerita, formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, tigi mibjugha fuq is-suq hieles ghal valur ta’ mhux anqas minn dak indikat fil-kolonna A tad-dokument Y, filwaqt li l-kumplament ta’ din il-proprjeta’ tigi mibjugha bl-istess mod ghall-valur ta’ mhux anqas minn dak li l-partijiet jifthemu fuqu, jew moghti mill-espert tekniku li din il-Qorti tinnomina, a spejjez taz-zewg partijiet, jekk il-partijiet ma jaqblux fir-rigward; u, jekk wara li jghaddu sitt xhur il-proprjeta’ ma tkunx ghada mbieghet, allura tinbigh taht l-awtorita’ tal-Qorti skond il-ligi. Ir-rikavat li talvolta jibqa’, <u>wara</u> li jithallas id-dejn kollu mal-banek, u mal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-ilma, u dejn iehor li sad-data ta’ dan il-gudizzju jkun gravanti l-komunjoni, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Rigward il-mobbli, ghalkemm l-attrici tghid li parti minnhom huma donazzjoni minghand missierha, ma jirrizultawx provi in sostenn ta’ din l-allegazzjoni; u ghalhekk, ghandha tipprevali l-prezunzjoni kontemplata mill-ligi, u dawn l-effetti kollha elenkati fil-lista tal-konvenut jitqiesu bhala assi tal-komunjoni. Ghalhekk dawn ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet b’ mod ugwali, wara li jigu smati mill-istimatur Vincent Ciliberti, sakemm il-partijiet ma jiftehmux dwar il-valur rispettiv taghhom; u f’ kaz ta’ disgwid dwar il-qasma l-oggetti jinbighu taht l-awtorita’ tal-Qorti skont il-ligi.

Hemm depoziti bankarji mal-Lombard Bank, mal-Bank of Valletta u mal-APS Bank. Dawn ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

Illi dwar iz-zewg krediti ndikati mill-konvenut bhala dovuti lill-partijiet mill-konjugi Ferriggi, dawn huma taz-zewg partijiet f' kwoti wgwali, kemm-il darba ghadhom pendenti.

Illi l-azzjonijiet fil-kumpaniji, ACE Investments Company Limited, Medical Express Services Limited, FHS Limited, Image Perfection Limited, u Borcor Limited, CAB Limited, u Simonds Farsons Cisk Limited, jappartjenu liz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

Illi d-dejn mad-diversi banek, cioe' mal-Lombard Bank Malta plc, HSBC Bank Malta plc, Bank kof Valletta plc u APS Bank Limited; kif ukoll mal-Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-ilma, ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija wgwali taz-zewg partijiet;

[2] tilqa' t-tieni talba;

[3] tichad it-tielet talba;

[4] [5] tilqa' ir-raba' u l-hames talbiet, u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti u li din tigi likwidata u assenjata kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni tal-Akkwisti.';

[5] [6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt u tas-seba' talba stante li huma superfluwi;

[6] tichad it-tmien talba;

[7] tichad id-disa' talba;

[8] tilqa' l-ghaxar talba;

L-ispejjez jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------